# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2019
Rikors Numru: 253/2017 VGA

**Citadel Insurance plc (C-21550)**

***vs***

**Benny Borg Bonello, Evelyn Chetcuti, Carmel Bugeja lkoll in rapprezentanza tal-Ghaqda tal-Konsumaturi – Malta (VO 685 *li b'digriet tal-Qorti tal-31 ta' Mejju 2018 giet awtorizzata l-korrezzjoni ghal* VO 876) fil-vesti taghhom ta' President, Segretarju Generali u Segretarju Finanzjarju rispettivament.**

## Il-Qorti,

1. Rat l-avvizipprezentat mill-kumpanija rikorrenti fl-4 ta' Settembru 2017 li permezz taghha talbet is-segwenti:

   *"Prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tinghata kundannata (sic.) sabiex thallas lir-rikorrenti danni li ma jeccedux l-ammont ta' Euro 11,646.87 ai termini ta' l-Artikolu 28 u 29 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li l-ghaqda intimata ppublikat artikolu intitolat Beware: Citadel's Travel Insurance Hidden Limitations fuq is-sit eletroniku ta' l-istess ghaqda* <u>*http://camalta.org.mt/beware-hidden-limitations-travel-insurance*</u> *taht il-kappa "News, Spooky Traders", liema artikolu ttella fid-9 ta' Awissu 2017, u li sal-gurnata tal-lum la thassar u lanqas saret apologija nonostante debita*

*interpellazzjoni, u liema artikolu r-rikorrenti thoss li huwa libelluz, ingurjuz u intiz biex ihammeg ir-reputazzjoni kummercjali taghha. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra legali ta' l-10 ta' Awissu 2017, kontra l-ghaqda intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni"* [1]

2. Rat ir-risposta tal-intimati pprezentata fl-24 ta' Novembru 2017 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

> *"1. Preliminarjament l-eccipjent Carmel Bugeja fil-vesti ta' Segretarju Finanzjarju m' huwiex legittimu kontradittur fl-azzjoni attrici in kwantu r-rapprezentanza legali tal-Ghaqda tal-Konsumaturi hija vestita fil-President u s-Segretarju Generali tal-ghaqda flimkien.*
>
> *2. Preliminarjament ukoll in-numru tal-ghaqda huwa VO 0876 u mhux VO 685 kif erronjament indikat fl-okkju. In-numru VO 685 huwa n-numru ta' registrazzjoni tal-Organizazzjoni Volontarja Association of Consumer Rights (Malta) – VO/0685. Anke l-indirizz Pope Pius XII Flats, Flat 4, Mountbatten Street, Blata l-Bajda, ma ghandu x' jaqsam xejn mal-Ghaqda eccipjenti.*
>
> *3. Fil-mertu it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi.*
>
> *4. F' kull kaz il-publikazzjoni indikata mis-socjeta' attrici ma hijiex libelluza fit-termini tal-ligi.*
>
> *5. F' kull kaz ukoll, l-eccipjenti bhala ghaqda tal-konsumaturi registrata u l-ufficjali taghha huma ezenti minn kull responsabilita' kemm civili kemm kriminali billi l-pubblikazzjoni imsemmija saret in bona fede u kienet mahsuba unikament ghall-ahjar taghrif, edukazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi fil-kors tal-funzjonijiet tal-eccipjenti bhala ghaqda tal-konsumaturi bl-ghan ewlieni li thares l-interessi tal-konsumaturi fit-termini tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur – Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-pubblikazzjoni msemmija tikkonsisti f' espressjoni ta' opinjoni u apprezzament jew value judgement, u huwa fair comment fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostazjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostutuzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Dirttijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem. L-esponenti hija ghaqa volontaja rikonoxxuta li tahdem bla hlas biex taghti*

[1] A fol. 1

*taghrif u vuci lil konsumaturi u ghalqhekk tesprimi l-fehmiet taghha dwar kwistjonijiet li jolqtu lil-konsumatur kemm b' mod generali u kemm b' mod specifiku."*[2].

3. Rat kopja ta' *screen shot tal-home page* tas-sit elettroniku tal-Ghaqda tal-Konsumaturi fejn fl-ewwel nofs taghha hemm banner bil-kliem "*Consumer Claims Tribunal Decisions – Do you have a decision which was not honoured by a trader? Inform Us. Name & Shame*" filwaqt li fit-tieni nofs taghha, taht is-subtitolu *Latest* taht stampa li tghid: "*Are you given full clear information*" u bit-*tags* "News, Spooky Traders", hemm *snippet* ta' artikolu bit-titolu "*Beware: Citadel's Travel Insurance Hidden Limitations"* (Dok. A)[3].

4. Rat verzjoni ohra tal-i*screen shot* msemmija fil-paragrafu precedenti din id-darba bl-i*snippet* tal-artikolu ftit iktar elaborata (Dok. B)[4].

5. Rat kopja ta' zewg *screen shots* mehuda mis-sit elettroniku fuq imsemmi li juru l-artikolu in kwistjoni li gie ppubblikat fid-9 ta' Awissu 2019 bl-isem "*Beware: Citadel's Travel Insurance Hidden Limitations"* (Dok. C)[5].

6. Rat l-ittra legali mibghuta mill-kumpanija rikorrenti lill-intimati datata 10 ta' Awwissu 2017 (Dok. D)[6].

7. Rat l-affidavit bil-lingwa Ingliza ta' David Brooks pprezentat mill-kumpanija rikorrenti fis-seduta tas-26 ta' April 2018 u d-dokumenti annessi mal-istess affidavit li jikkonsistu f' korrispondenza permezz ta' emails bejn ix-xhud u l-Ghaqda tal-Konsumaturi, kopja tat-termini u kundizzjonijiet applikabbli ghall-poloz tal-assigurazzjoni tal-ivvjagar ta' Citadel Insurance mahruga lill-klijenti tal-HSBC Premier, kopja ta' tlett *screen shots* mehuda mis-sit elettroniku tal-Ghaqda tal-Konsumaturi li juru artikolu ippubblikat mill-istess ghaqda fl-20 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "*Citadel sues CA for alerting consumers."*[7]

8. Rat id-digriet tal-Qorti diversement presjeduta tal-31 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghal korrezzjoni fir-rikors/avviz fejn minflok in-numru ta' iskrizzjoni 685 wara l-kliem VO ddahhal in-numru 0876.[8]

---

[2] A fol 19-20
[3] Fol 2
[4] Fol. 3 sa 6
[5] Fol. 7-8
[6] Fol. 9
[7] Fol.33 - 47
[8] Fol. 49

9. Rat li l-kumpanija rikorrenti ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018[9];

10. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha tal-intimat Benny Borg Bonello tal-4 ta' Ottubru 2018[10], tal-kontro-ezami tieghu tal-4 ta' Frar 2019[11] u tar-riezami tieghu tat-28 ta' Marzu 2019[12] li lkoll inghataw quddiem din il-Qorti diversement presjeduta.

11. Rat in-nota bid-dokumenti tal-intimat Benny Borg Bonello pprezentata fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2018 ma' liema nota gew ipprezentati s-segwenti dokumenti u cioe' (i) Statut vigenti tal-Ghaqda tal-Konsumaturi[13]; (ii) Kopja tal-artikolu mertu tal-kawza[14]; (iii) Kopja tal-korrispondenza li kien hemm bejn l-Ghaqda u David Brooks bhala *General Manager* tal-kumpanija rikorrenti[15] u (iv) kopja ta' artikolu iehor ippubblikat bl-isem "*Citadel sues CA – Malta for alterting consumers*"[16] .

12. Semghet it-trattazzjoni orali li saret mill-abbli difensuri tal-partijiet rispettivi quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2019.

13. Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fis-seduta tat-10 ta' Gunju 2019.

14. Rat u fliet il-bqija tal-atti processwali kollha u kkunsidrat l-provi kollha li gew imressqa quddiemha inkluz provi dokumentarji.

**Ikkunsidrat:**

15. Illi fis-succint il-fatti li wasslu ghall-ftuh ta' din il-kawza, mhux kuntestati bejn il-partijiet, huma kif gej:

   i. Konsumatur li kellha *credit card* tal-bank HSBC (il-partijiet jiddivergu, forsi mhux intenzjonalment, fuq liema *credit card* ghaliex filwaqt li l-kumpanija rikorrenti ssemmi u tesebixxi t-termini u kundizzjonijiet tal-*HSBC Premier Travel Insurance Policy*, l-intimat Borg Bonello esebixxa t-termini u kundizzjonijiet tal- *HSBC Advance Travel Insurance Policy*. Ghall-finijiet ta' din il-kawza, din id-divergenza mhijiex la rilevanti u lanqas importanti) u allura kienet tgawdi minn polza ta' assigurazzjoni tal-ivvjaggar tramite l-kumpanija rikorrenti, kienet siefret lejn New York gewwa l-Istati Uniti f'Jannar 2017. Bhala parti mill-gita taghha, fis-6 jew

[9] Fol.49
[10] Fol.51-59
[11] Fol. 87-95
[12] Fol.97-100
[13] Fol. 62-64
[14] Fol.65-66
[15] Fol.67-71
[16] Fol.72-84

7 ta' Jannar 2017 hija kellha taqbad ajruplan ghal Puerto Rico fejn hemmhekk kellha taqbad *cruise* qabel ma' eventwalment kellha tirritorna lura lejn il-port ghal titjira ohra lura lejn New York u eventwalment ghat-titjira lura li kellha eventwalment twassalha ghal Malta. Gara li fil-5 ta' Jannar 2017 hija sfat vittma ta' infezzjoni fil-widnejn u giet moghtija parir mediku sabiex ma' tmurx Puerto Rico u ma' tmurx fuq il-*cruise*. Ghalhekk hija baqghet l-Istati Uniti ghand familjari taghha sakemm wasal iz-zmien li taqbad it-titjira lura (l-istess titjira lura li kienet skedata li taqbad u li kienet ibbukkjat qabel ma' telqet fuq il-vjagg taghha minn Malta).

ii. Sussegwentement il-konsumatur ghamlet *claim* mal-kumpanija rikorrenti izda din kienet lesta tirrifondilha l-ispejjez taht *Section 3 – Medical and Emergency Expenses* u mhux ukoll taht *Section 1 – Cancellation and Curtailment Charges*. Fi kliem iehor, ir-rikorrenti offriet li thallas lill-konsumatur l-ispejjez relatati ma' provizzjoni ta' servizzi medici izda ma' kienetx lesta thallasha l-ispejjez relatati mal-*cruise* u t-titjiriet (lejn u lura minn Puerto Rico) li falliet. Ir-raguni principali ghal dan ir-rifjut kienet 'l ghaliex, skond l-interpretazzjoni tal-kumpanija rikorrenti, il-konsumatur la kienet ikkancellat il-vjagg taghha (kienet ikkancellat parti biss minnu, u cioe' il-*cruise*, malli kienet diga waslet l-Istati Uniti u kienet ghamlet ftit granet hemmhekk) u lanqas ma' kienet giet lura Malta qabel il-waqt.

iii. Il-Konsumatur ghamlet ilment mal-Ghaqda tal-Konsumaturi u din l-Ghaqda, principalment tramite il-President taghha, l-intimat Benny Borg Bonello, ghamlet kuntatt mal-kumpanija rikorrenti. Wara ftit xhur ta' korrespondenza bejn il-partijiet fejn iz-zewg nahat ghamluha cara li ma' kienux qed jaqblu mal-posizzjoni ta' xulxin, fid-9 ta' Awwissu 2017 l-Ghaqda tal-Konsumaturi ppubblikat l-artikolu bl-isem *"Beware: Citadel's Travel Insurance Hidden Limitations"* fuq is-sit elettroniku taghha.

iv. F'dan l-artikolu fost affarijiet ohra l-Ghaqda issemmi kif wara li kienet diga rrappurtat dwar zewg kazijiet ohra fejn *"the interpretation of the insurance companies was restrictive and seriously change(d) the nature of the cover provided"* hija kienet ghadha kemm rceviet ilment iehor simili minn konsumatur iehor, cioe' mill-konsumatur fuq imsemmi. Fil-bqija tal-artikolu, l-Ghaqda tal-Konsumaturi taghmel riferenza specifika ghall-istorja li wasslet sabiex ir-rikorrenti tirrifjuta li tikkumpensa lill-konsumatur ghall-kancellazzjoni tal-*cruise* u tat-titjiriet annessi mal-*cruise*. Ghall-Ghaqda tal-Konsumaturi, l-interpretazzjoni maghmula mill-kumpanija rikorrenti u cioe' illi "*Cancellations means cancellation of a journey by the insured persons(s) before leaving their Country of Residence, due to illness etc. before the journey actually commences*" kienet interpretazzjoni arbitrarja li ma' tohrogx mit-termini u kundizzjonijiet tal-polza u ghaldaqstant kienet tillimita severament il-

kopertura taht l-istess polza. Hija tispicca l-artikolu billi taghmel zewg mistoqsijiet retorici: *"Why are consumers not given the definition of cancellation? Is it possible that if consumers are aware of this limitation they would not have taken the policy? BEWARE."*

v. Il-kumpanija rikorrenti hassitha malafamata b'dan l-artikolu u fethet din il-kawza wara li minkejja li kienet baghtet ittra legali lill-ufficjali taghha fejn wissiethom li kienu ghamlu *value judgements* skorretti u li kienu kkawzlha malafama kif ukoll danni kummercjali, dawn baqghu ma' nehhewx l-artikolu minn fuq is-sit elettroniku taghhom u lanqas ma' ppubblikaw apologija.

*Kap. 579: L-Att dwar il-Midja u l-Malafama*

16. Illi qabel xejn ghall-finijiet ta' precizjoni ghandu jinghad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' meta din il-kawza kienet diga infethet u kienu ghandhom qed jinstemghu l-provi, dahal fis-sehh permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat "l-Att dwar il-Midja u l-Malafama".

17. Illi ghalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 gie imhassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579: *"l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar"*. Ghaldaqstant huwa car illi huma d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw ghall-kawza odjerna.

*Eccezzjonijiet ta' natura preliminari: eccezzjoni numru wiehed*

18. Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa mill-intimati hija illi li l-eccipjent Carmel Bugeja fil-vesti ta' Segretarju Finanzjarju m'huwiex legittimu kontradittur fl-azzjoni attrici in kwantu r-rapprezentanza legali tal-Ghaqda tal-Konsumaturi hija vestita fil-President u s-Segretarju Generali tal-ghaqda flimkien.

19. Illi l-Qorti rat l-Istatut tal-Ghaqda tal-Konsumaturi pprezentata mill-intimati permezz ta' nota fl-1 ta' Novembru 2018 u senjatament l-artikolu 2 taht it-Taqsima VIII 'Dmirijiet u Setghat' minn fejn jirrizulta illi "*Ic-Chairperson u s-Segretarju Generali flimkien huma responsabbli ghar-rapprezentanza ufficjali u legali tal-Ghaqda*"[17]

20. Illi ghalkemm l-Ghaqda tal-Konsumaturi hija "organizazzjoni volontarja" iskritta taht il-Kap. 492 tal-Ligijiet ta' Malta, xi haga li tirrizulta anke *prima facie* mill-fatt illi fl-okkju hemm indikat in-numru ta' iskrizzjoni assenjat lilha bhala *"VO"* ossia' *"Voluntary Organisation",* m'hemm xejn fl-atti li jindika illi din l-

[17] A fol 63 wara

istess Ghaqda ghandha personalita' guridika distinta minn dik tal-membri taghha. F'dan ir-rigward il-Kap. 492 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara fl-Artikolu 2(4) illi:

*"L-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni volontarja taħt dan l-Att ma timplikax:*

*(a) li l-organizzazzjoni għandha personalità ġuridika; jew*

*(b) li tkun organizzazzjoni reġistrata, kif hemm imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili; jew*

*(ċ) li r-responsabbiltà tal-amministraturi tagħha li taqa' taħt il-liġijiet li japplikaw tkun b'xi mod milquta"*

21. Illi mill-Istatut tal-Ghaqda is-sura legali ta' din l-organizazzjoni jidher li tixbah l-izjed lil dik ta' Assocjazzjoni anke ghaliex l-isem Ingliz taghha huwa "*Consumers Association – Malta*". Mill-atti tal-kawza ma' hemm l-ebda prova pero illi din l-organizazzjoni giet registrata fir-Registru ta' Persuni Legali taht it-Tieni Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant m'hemm xejn x'juri lil din il-Qorti illi l-Ghaqda hija moghnija b'personalita' guridika distinta minn dik tal-membri taghha.

22. Illi dan kollu qed jinghad ghaliex *quod non est in actis non est in mundo* u fin-nuqqas ta' prova li l-Ghaqda imsemmija giet registrata taht it-Tieni Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, allura jrid jigi meqjus illi l-Ghaqda filfatt ma' gietx hekk registrata u ghaldaqstant mhux biss jirrizulta illi l-Ghaqda m'ghandhiex personalita' guridika imma inoltre ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet relattivi taht l-istess skeda li huma applikabbli ghal organizazzjonijiet li ma' gewx registrati.

F'dan ir-rigward l-Artikolu 14(4) tat-Tieni Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej:

*"14(4) Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tiġi mħarrka f'isimha stess u hija rappreżentata fil-proċeduri ġudizzjarji minn amministratur. Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tħarrek f'isimha stess u hija rappreżentata mill-persuna li, skont l-istatut, mill-amministratur uniku jew, jekk ikun hemm aktar minn amministratur wieħed, minn żewġ amministraturi li jkunu."*

L-Artikolu 7(2) tal-istess skeda jghid ukoll illi:

*"7(2) Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, "amministratur" tfisser uffiċjal jew persuna li tiġi maħtura biex tikkontrolla u tamministra organizzazzjoni inklużi gvernatur, direttur, trustee jew membru tal-kumitat u kull persuna oħra li twettaq dawk il-funzjonijiet ukoll jekk taħt isem ieħor."*

23. Illi minn dan kollu jirrizulta ghalhekk illi l-Ghaqda tal-Konsumaturi setghet tigi mharrka f'isimha f'dawn il-proceduri. Fin-nuqqas pero hija ghandha tigi rapprezentata minn amministratur, ossia' *uffiċjal jew persuna li tiġi maħtura biex tikkontrolla u tamministra organizzazzjoni inklużi gvernatur, direttur, trustee jew membru tal-kumitat u kull persuna oħra li twettaq dawk il-funzjonijiet ukoll jekk taħt isem ieħor.* M'hemmx dubbju illi kemm Benny Borg Bonello bhala President (jew ahjar *Chairperson* skond l-Istatut tal-ghaqda), kemm Evelyn Chetcuti bhala Segretarju Generali u kif ukoll Carmel Bugeja bhala Segretarju Finanzjarju, t-tlieta li huma jistghu jigu meqjusa bhala *"amministraturi"* f'ghajnejn il-ligi u ghaldaqstant il-kumpanija rikorrenti m'ghamlet xejn hazin illi harrket lil dawn it-tlett individwi biex jirrapprezentaw lill-Ghaqda, irrispettivament minn dak li hemm miktub fl-Istatut.

24. Illi ghalhekk l-**ewwel eccezzjoni qed tigi michuda**.

*Eccezzjonijiet ta' natura preliminari: eccezzjoni numru tnejn*

25. Illi it-tieni eccezzjoni, ukoll ta' natura preliminari, giet sorvolata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tal-31 ta' Mejju 2018 meta laqghet it-talba ghal korrezzjoni fl-okkju tar-rikors/avviz sabiex minflok in-numru ta' iskrizzjoni 685 wara l-kliem VO jiddahhal in-numru 0876. Mill-atti ma' jidhirx illi l-eccezzjoni giet formalment irtirata mill-intimati izda galadarba din giet sorvolata bil-mod fuq imsemmi fic-cirkustanzi l-Qorti qeghda **tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri** taghha.

**Ikkunsidrat:**

*Eccezzjonijiet fil-mertu*

26. Illi fil-mertu, il-kumpanija rikorrenti bbazat it-talba taghha fuq l-Artikoli 28 u 29 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu *inter alia* is-segwenti.

> *"**28.** (1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*
>
> *(2) F'kull każ li għalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun għamel jew offra li jagħmel apoloġija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni għad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jagħmel f'każ li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jagħmel jew li joffri li jagħmel dik l-apoloġija:*

*Iżda l-konvenut ma jistax iġib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun ġieb il-prova tal-verità skont l-artikolu 12.*

***29.** Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diliġenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx tagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjetà oħra, jeħel li jħallas, minbarra d-danni li jkollhom jitħallsu taħt xi liġi oħra li tkun isseħħ dwar kull telf jew ħsara attwali, somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) li tiġi stabbilita mill-qorti kompetenti."*

27. Illi l-eccezzjonijiet tal-intimati fil-mertu huma bbazati fuq tlett binarji principali li fil-qosor jikkonsistu i) li l-publikazzjoni de quo ma hijiex libelluza; (ii) illi l-eccipjenti bhala ghaqda tal-konsumaturi registrata u l-ufficjali taghha huma ezenti minn kull responsabilita' kemm civili kemm kriminali billi l-pubblikazzjoni imsemmija saret *in bona fede* u kienet mahsuba unikament ghall-ahjar taghrif, edukazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi fil-kors tal-funzjonijiet tal-eccipjenti bhala ghaqda tal-konsumaturi, u (iii) illi, il-pubblikazzjoni msemmija tikkonsisti f' espressjoni ta' opinjoni u apprezzament jew *value judgement,* u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku; fuq fatti sostazjalment veri."

*Il-hames eccezzjoni: applikazzjoni tal-Art. 36(1) tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta*

28. Illi qabel xejn din il-Qorti ser titratta l-hames eccezzjoni u cioe dik li *"l-eccipjenti bhala ghaqda tal-konsumaturi registrata u l-ufficjali taghha huma ezenti minn kull responsabilita' kemm civili kemm kriminali billi l-pubblikazzjoni imsemmija saret in bona fede u kienet mahsuba unikament ghall-ahjar taghrif, edukazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi fil-kors tal-funzjonijiet tal-eccipjenti bhala ghaqda tal-konsumaturi"*;

29. Illi hawnhekk l-intimati qeghdin jirreferu ghall-Artikolu 36(1) tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta ossia' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur illi jipprovdi kif gej:

*"36. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, għaqda ta' konsumaturi reġistrata u kull wieħed mill-uffiċjali tagħha fil-qadi ta' dmirijietu f'isimha jkun eżenti minn kull responsabbiltà kemm ċivili jew kriminali, dwar kull pubblikazzjoni, stqarrija jew komunikazzjoni jew attività oħra, li jkunu saru bona fide li jkunu maħsubin unikament għall-aħjar tagħrif jew edukazzjoni jew protezzjoni tal-konsumaturi. Din l-eżenzjoni tapplika għall-persuni kollha li jippubblikaw, jistampaw, jirreġistraw, ixandru jew jikkomunikaw din l-informazzjoni b'xi mod li jkun."*

30. Illi cio' nonostante ma' ngiebu l-ebda provi li jindikaw illi l-Ghaqda tal-Konsumaturi hija ghaqda registrata taht il-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant din il-Qorti ma' tistax hlief tqis din l-ghaqda bhala ghaqda li

ghalkemm twaqqfet ghall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-interessi tal-konsumaturi madanakollu ma' tikkwalifikax ghall-protezzjoni taht l-istess Att (f'dan ir-rigward japplika l-Artiklu 42 tal-Kap. 378). Ghalhekk din **il-hames eccezzjoni qeghda tigi michuda**.

*Is-sitt eccezzjoni: fair comment*

31. Illi dwar din id-difiza l-awtur celebri John Clement Carpenter Gatley, awtorita' fil-ligi Ingliza fejn tidhol il-ligi tal-malafama (libelli u kalunji) jghid kif gej:

***"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word." [18]***

32. Illi fis-succint, l-elementi tad-difiza tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati taghna[19] huma ghalhekk hamsa:

i. Il-kumment irid ikun gie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;

ii. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;

iii. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;

iv. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblių, tgħajjir jew insolenza; u

v. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.

[18] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336

[19] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (QPA:CIV:946:1997:JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

33. Illi fil-gurisprudenza Ingliza intqal ukoll illi d-difiza (intimati f'dan il-kaz) trid tipprova l-ewwel erba' elementi mentri l-ahhar element (dik tal-hazen jew "*malice*") trid tigi ppruvata mill-persuna leza:

***"A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice"***[20]

34. Illi fl-affidavit tieghu, David Brooks, *General Business Claims Department Manager* tal-kumpanija rikorrenti jelenka l-ilmenti ewlenin tar-rikorrenti, cioe' dawk l-affarijiet fil-pubblikazzjoni li r-rikorrenti tikkontendi li jikkonsistu f'malafama (Art. 28) jew dikjarazzjonijiet foloz (Art. 29):

i. Stampa f'posizzjoni prominenti fuq il-pagna principali tas-sit elettroniku tal-Ghaqda tal-Konsumaturi li tghid: "*Are you given full clear information*" flimkien ma' *snippet* ta' artikolu bit-titolu "*Beware: Citadel's Travel Insurance Hidden Limitations"* u bit-*tags* "*News, Spooky Traders*". Dan kollu taht *banner* bil-kliem "*Consumer Claims Tribunal Decisions – Do you have a decision which was not honoured by a trader? Inform Us. Name & Shame*".

   Ghar-rikorrenti, il-kliem *"name and shame"* jaghtu l-impressjoni illi l-artiklu kien intenzjonat illi jsemmi u jgieghel tisthi lir-rikorrenti filwaqt li l-kliem *"Spooky Traders*" kienu intenzjonati li jfissru li r-rikorrenti tisraq lill-klijenti taghha u tingannahom b'limitazzjonijiet mohbija fil-poloz tal-assigurazzjoni taghha.

ii. Ir-rikorrenti tilmenta ukoll illi l-istampa bil-kliem "*Are you given full clear information*" kif ukoll it-titlu tal-artikolu *"Beware: Citadel's Travel Insurance Hidden Limitations"* theggeg lill-qarrejja sabiex jzommu 'l boghod mir-rikorrenti ghaliex din ma' taghtix informazzjoni cara u shiha u tahbi certu restrizzjonijiet fil-poloz tal-assikurazzjoni li toffri.

[20] **Spiller et. vs Joseph et**.(deciza mill-Qorti Suprema Ingliza fl-1 ta' Dicembru 2010)

iii. Ir-rikorrenti tilmenta dwar il-bran segwenti mill-artikolu ppubblikat mill-Ghaqda tal-Konsumaturi: "*it resulted that there was nothing in the information provided to indicate to the consumer that the travel insurance covered only the first leg of the journey. This if one was travelling to a place where the journey is not one direct flight, only the first leg is covered. The same applies if someone travels to a place to take a cruise, the insurance covers only the first leg, namely if anything happens and as a result you miss a cruise, you are not covered. Absurd, unbelievable but regrettably true. This is the section of a policy issued by Citadel Insurance which covers Cancellation and Curtailment. If one goes through it, there is no indication of this limitation…Our position is clear: "This interpretation severely limits the policy. Since the consumer was not informed beforehand of this interpretation, this limit should not apply."*

Skond ir-rikorrenti dawn l-asserzjonijiet tal-Ghaqda huma infondati u juru nuqqas ta' gharfien dwar is-suggett. Ghar-rikorrenti, l-Ghaqda agixxiet ta' "*Judge and Jury*" u b'mod vindikattiv fil-konfront taghha. Ir-rikorrenti tenfasizza ukoll illi l-konsumatur in kwistjoni qatt ma' agixxiet kontra r-rikorrenti quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi u ghalhekk l-Ghaqda ma' kelliex tippubblika l-artiklu taht banner bil-kliem *"Consumer Claims Tribunal Decisions. Do you have a decision which was not honoured by a trader? INFORM US NAME & SHAME"*. Ir-rikorrenti tishaq ukoll illi m'huwiex il-kaz illi *"it missold the product"* u dan proprju ghaliex galadarba l-konsumatur ma' xtratx il-polza direttament minghandha hija ma setghet qatt tinforma lill-konsumatur minn qabel dwar in-natura tal-polza. Inoltre skond ir-rikorrenti il-konsumatur m'ghamlitx uzu mill-*complaint procedure* interna li toffri l-kumpanija.

35. Illi dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa dak li qarrej ordinarju jifhem meta jara l-artikolu fil-kuntest li huwa jinstab. Skond **Gatley:**

*"While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole…*

*Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment."*[21]

36. Illi gie stabbilit ukoll fil-gurisprudenza nostrana[22] u anke dik Ingliza illi biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed ghandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph**[23]:

*"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."*

37. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam il-*banner* bil-kliem *"Consumer Claims Tribunal Decisions. Do you have a decision which was not honoured by a trader? INFORM US NAME & SHAME",* il-Qorti ma' tistax ma' tissolevax illi min-natura tieghu, *banner* ta' dan ix-xorta fuq il-pagna principali ta' sit elettroniku huwa intenzjonat li jinbidel wara ftit sekondi u huwa ukoll meqjus separat mill-informazzjoni jew artikli li jidhru tahtu u filfatt huwa intiz biex iservi bhala *link* ghal materja ohra li tinstab fuq l-istess sit. Inoltre' taht dan il-*banner* kien hemm *snippets* ta' artikoli ohra li ma' jikkoncernawx lill-kumpanija rikorrenti. F'dan ir-rigward l-intimat Borg Bonello xehed kif gej fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019:

*"Ix-Xhud: Ehe dan jekk inti tara dan, tara dak il-banner, dak huwa ta' fuq, Consumer claims and ... dawk huma ... dak huwa banner. Fil-fatt dan il-kaz hemm min ...ma telax igifieri l- ... x'jismu t-Tribunal. Barra minn hekk hemm zewg banners. Dak il-banner jinbidel. Issa jekk inti tara isfel ukoll, inti tara li hemmhekk ahna poggejna, ghandna affarijiet ohra igifieri dawn mhux kwistjoni ta' xi hadd illi ahna qeghdin nghidu isma' oqoghdu attenti ghax jekk tara l-ewwel wiehed hemmhekk tara li hemm survey, ghamilna hemm igifieri hemmhekk hemm post biex ahna nhajru lin-nies ta' survey li huma ghandhom jimlew tal-health, li hu cross border, igifieri hemmhekk mhux korretti li huma qeghdin jghidu li ahna poggejnihom taht dak ... taht dak ... taht dak il-banner. Dak il-banner jinbidel. Barra minn hekk mill-ahhar darba sal-lum, illum hemm*

[21] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

[22] Ara per ezempju **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi** (QTA:CIV: 947:1997:2 deciza fid-19 ta' April 2005)

[23] [1964] A.C. 234, 258.

*tlett banners ghaliex zidna iehor, ghax dawk il-banners huma xi haga ta' campaigns. Mhijiex xi haga ta' ... hawn ... it's a section ... it's not a section tal-website...*

*...*
*Le ghax dik fil-fatt il-banner jinbidel. Il-banner jinbidel wahdu automatically igifieri mument minnhom inti tara dawk in-news kollha, ghaliex dawk huma news kollha hemmhekk li ghandek il-parti ta' taht. Fil-fatt huma separati ukoll jekk inti tara l-website taghna hija separata mill ... minn ... minn eh ... x'jismu ... electronic eh ... hawn x'jismu ... notice ... illi jkollok hemmhekk notice ghaddejja il-hin kollu. Huma separati. Issa tghaqqad ... issa jekk jiena bhalissa qed nara banner, jekk inhalli nofs minuta ohra dik il-banner tinbidel u tigi fuq telecommunications, li m'ghandha x'taqsam xejn ma' ...*

*Dr James D'Agostino: Imma f'Awwissu ta' 2017 jidhirli meta gie pubblikat l-artiklu, fejn ghandek il-bicca ta' fuq ... fuq decisions li qed tghid int, dik ma kenitx tinbidel? Dik kienet tibqa' hemm.*

*Ix-Xhud: Le le jiddispjacini. Hemmhekk ma naqbilx mieghek..."*

38. Illi fir-rigward tas-sustanza tal-artikolu nnifsu, din il-Qorti wara li fliet sew it-termini u kundizzjonijiet tal-polza ssib is-segwenti:

i. Taht *Section 1 – Cancellation and Curtailment Charges*, individwu kopert taht il-polza jista' jaghmel *claim* ghal rimbors ta' spejjez ta' *unused travel and accommodation* minhabba kancelliment ("*cancellation"*) jew tnaqqis ("*curtailment"*) ta' vjagg ("*journey*") jew vakanza (*"holiday")* li jkunu inevitabbli ("*unavoidable"*) minhabba mard.

ii. Taht l-intestatura ta' *"Definitions"*, il-kelma *"Curtailment*" (ossia' tnaqqis) tigi definita bhala li wiehed jirritorna lura daru qabel id-data skedata ta' ritorn. Fil-kaz odjern, il-konsumatur giet lura fil-gurnata skedata tat-titjira ta' ritorn u allura m'hijiex eligibbli ghal rimbors ta' *curtailment charges*.

iii. Il-kelma *"Cancellation"* ma' tinghata l-ebda definizzjoni. Skond ir-rikorrenti (a fol 67) *"Cancellations means the cancellation of a journey by the insured person(s) before leaving their Country of Residence, due to illness et. Before the journey actually commences".* L-Ghaqda tal-Konsumaturi ma' taqbilx ghaliex tghid illi din id-definizzjoni importanti imkien ma' tinstab fil-polza u huwa proprju ghalhekk illi l-konsumatur giet "ingannata". Ir-rikorrenti tishaq pero (a fol 69) illi il-"*policyholder holds a "Duty of Care" to familiarise themselves of the contents of these*

*documents, before they travel, and contact us, or our agents MIB, to clarify any questions they may have again before they travel, so that they are fully informed, before they travel".* Ir-rikorrenti tishaq ukoll illi ghalkemm *"the policy does not exclude partial cancellations or excursions, etc"* madanakollu *"there are many many situations which may also arise, under each of the 11 sections of policy cover, which are not specifically excluded."* F'dan il-kaz issaqsi r-rikorrenti: *"are we meant to foresee these as well, and warn each and every consumer of each and every one of these before they travel?"* Ir-rikorrenti tghid ukoll (a fol 69 wara) *ex-admissis* illi filwaqt li l-polza ssemmi kancelliment ta' vjagg jew vakanza, hija ma' ssemmix *"part of your holiday or journey, internal trips within the country of desination, or any excursions or concert or sporting events".* F'dan ir-rigward skond ir-rikorrenti, *"if you compare our wording with that one of the market leading providers of travel insurance…you will note that they actually define the wider cover Ms. Cilia would have needed to have this claim considered"* u kkwotat tali *wording* illi jaghmilha cara lill-policyholder illi apparti *travel and accommodation* huma koperti ukoll *"concert and sports tickets and holiday tours and excursions …".* Skond ir-rikorrenti l-polza taghhom hija *"a very wide and open cover, but it is not as wide as some of the covers out in the market place*".

iv. Din il-Qorti thoss pero illi filwaqt li r-rikorrenti hija nfurmata sew dwar "*id-duty of care*" ta' klijent li jiffamiljarizza ruhu sew mat-termini tal-polza qabel ma' jakkwistha, hija donnu ma' tantx tghid wisq dwar il-fatt illi dan huwa kuntratt ibbazat fuq l-*uberrima fides* jew *utmost good faith* u, ghalhekk, hemm l-obbligu tal-assikurat li jaghmel disclosure tal-fatti materjali lill-assikurazzjoni (xi haga li ma' jidhirx illi l-konsumatur in kwistjoni naqset milli taghmel) u, min-naha l-ohra, **l-obbligu daqstant importanti li l-assikurazzjoni tagixxi 'in utmost good faith' u ma tirrifjutax claim ingustament.**

v. Jinkombi fuq il-kumpanija tal-assikurazzjoni li taghti l-polza tal-assikurazzjoni lill-assikurat u anke li tispjegalu l-kundizzjonijiet taghha, galadarba l-kumpanija tal-assikurazzjoni tippretendi li l-assikurat irid jimxi mal-kelma (hafna drabi preciza) tal-polza. F'dawn it-tip ta' *standard form contracts*, dawn it-tip ta' klawsoli jpoggu f'vantagg negozjali lill-assikuratur u, ghalhekk, ghandu l-obbligi li, galadarba jdahhalhom fil-kuntratt, ghandu jispjegahom. Dan huwa konformi mal-izviluppi li saru fil-qasam guridku-normattiv, kemm fuq livell lokali kif ukoll komunitarju, fejn jidhlu drittijiet tal-konsumatur li biddlu l-ottika tal-principju *pacta sunt servanda* li, fir-realtà, huwa bbazat fuq il-helsien tal-partijiet li jkunu jistghu jikkontrattaw bil-libertà il-konvenzjoni ta'

bejniethom. Galdarba *standard form contracts* fihom kundizzjonijiet prefissi li mhumiex negozjati u mill-bidu hemm zbilanc negozjali, allura jidhol aktar l-obbligu tal-kummercjant li jispjega f'lingwa li tinftiehem dawn il-kundizzjonijiet. Tant li l-Artiklu 47 tal-Att Dwar Hwejjeg tal-Konsumatur jipprovdi li kuntratt mal-konsumatur irid ikun redatt f'lingwa li ghandha tinftiehem mill- konsumatur.[24]

vi. Issa huwa minnu illi fil-kaz *de quo* l-kumpanija rikorrenti ma' setghet tispjega xejn lill-konsumatur personalment qabel il-*period of commencement of insurance* ghaliex tali kopertura hija wahda mill-beneficcji marbuta mal-VISA Advance (jew Premier) tal-HSBC Bank Malta plc. Dan ma' jgibx pero b'daqshekk illi m'hemmx alternattivi ohra sabiex ir-rikorrenti tispjega bi kliem semplici u car in-natura tal-polza lill-klijenti taghha. Wara kollox ghalkemm il-konsumaturi taht tali skemi tal-bank ma' jixtrux direttament il-polza minghand ir-rikorrenti u ma' jhallsux *premium,* **xorta wahda jibqa' l-fatt illi tali konsumaturi huma ukoll klijenti tar-rikorrenti u huma marbuta mar-rikorrenti bl-istess mod li huma marbuta klijenti ohra li jixtru l-polza direttament minghand l-kumpanija u fuq kollox, ir-rikorrenti xorta wahda jipprovdu servizz direttament lill-istess konsumaturi.**

vii. Il-fatt li t-termini u kundizzjonijiet tal-polza jinsabu *online* fuq il-websites tal-HSBC u ta' Citadel Insurance plc ma huwiex bizzejjed biex jezonera lill-provditur tas-servizz mill-obbligu li jaghti u jispjega l-polza tal-assikurazzjoni u l-kundizzjonijiet l-aktar importanti f'dik il-polza. Kif jista' jsir dan? Certament b'mod minimu dan jista' jsir billi tiddahhal b'mod car id-definizzjoni ta' *"cancellation"* fl-istess polza. Izjed minn hekk pero, ghandu jkun hemm linji gwida fi kliem semplici (li jkunu disponibbli kemm fuq is-siti elettronici tar-rikorrenti u tal-bank in kwistjoni, u anke fil-polza nnifisha) li jfissru lill-konsumatur x'tinkludi u x'ma tinkludix kancelliment ta' vjagg jew vaganza. Huwa vera illi r-rikorrenti ma' tistax *a priori* tistabilixxi dawk is-sitwazzjonijiet kollha li m'humiex specifikament *eskluzi* mill-kopertura **izda huwa car, anzi carissimu, illi eskluzjoni bhal dik in kwistjoni, hija wahda illi kwalunkwe kumpanija ta' assikurazzjoni hija ben konxja taghha u bla ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma' jista jitqies illi r-rikorrenti ma' tistax tispjega b'mod ahjar din is-sitwazzjoni lill-konsumaturi kollha taghha.**

39. Illi stabbilit dan kollu, kellha ragun allura l-Ghaqda tal-Konsumaturi ggib dan kollu fuq is-sit elettroniku taghha bil-mod kif gabitu? Il-Qorti thoss illi l-Ghaqda

[24] FH vs MAPFRE Middlesea plc et (Kaz Nru. 440/2016 – L-Arbitru ghas-Servizzi FInanzjarji)

kienet korretta u gustifikata illi tinforma lill-konsumaturi b'dan kollu u li tghidilhom joqoghdu attenti. Il-Qorti thoss li forsi l-Ghaqda setghet tkun iktar ghaqlija li kieku, galadarba hija kienet qed tirreferi ghal kaz partikolari, hija ppubblikat ukoll il-fatt illi l-polza f'dan il-kaz kienet wahda mahruga taht skema tal-klijenti tal-bank u li allura l-ghazla tal-klijenti f'dan il-kaz ma' kienetx jekk ghandomx jixtru l-polza minghand ir-rikorrenti izda semmai, jekk ghandhomx jixtru polza ahjar minn kumpaniji ohra minflok ma' jistriehu fuq dik li jgawdu *"minghajr hlas"* taht l-iskema tal-bank. Ma' jistax jinghad pero illi dan l-"izball" kien xi wiehed li jingurja jew ihammeg ir-reputazzjoni kummercjali tar-rikorrenti mhux l-anqas ghaliex verament il-konsumaturi taht din l-iskema jridu joqoghdu attenti. Il-Qorti thoss ukoll illi kliem bhala *"spooky traders"* ghalkemm forsi mhux l-izjed kliem idoneji, m'ghandhomx jitqiesu bhala malafamanti fil-kuntest tal-istorja kollha kif ippubblikata fuq is-sit elettroniku. F'dan ir-rigward, l-intimat Borg Bonello jammetti illi kien zball li jpoggu l-artikolu taht il-kappa ta' "Spooky traders" meta jghid "*Fuq it-tieni punt (omissis) tal-ispooky traders. Hawnhekk kellna zball fil ... fil-website taghna u fil-fatt ikkoregejnieh."*[25] Ghal darb' ohra, il-Qorti tissottolineja illi dan l-izball ma' jistax b'xi mod jitqies malafamanti fil-kuntest tal-istorja kollha u lanqas ma' ihammeg ir-reputazzjoni kummercjali tar-rikorrenti.

40. Illi huma rilevanti ukoll l-kliem tal-istess xhud fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2018 meta dan qal hekk: "*U punt iehor zghir illi din ma kienitx xi haga partikolari ghal persuna wahda. Peress li dan kien prodott huwa jinbiegh lil kulhadd, allura igifieri that is why we put it on the website."*[26]

41. Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi d-difiza tal-*fair comment* postulata mill-intimati **fis-sitt eccezzjoni taghhom hija wahda li tregi u qeghda tigi milqugha**. Il-kummenti fl-artikolu kienu msejjsa fuq fatti li jissemmew b'mod car fil-pubblikazzjoni li tilmenta minnha r-rikorrenti. Il-fatti msemmija kienu sostanzjalment veri. Il-kummenti lanqas ma' kienu tali illi jikkonsistu f'zeblih, tghajjir jew insolenza, izda filfatt kienu jikkonsistu fi kritika gusta u f'fehma onesta li ma' saretx b'xi hazen jew b'xi hsieb preciz li twegga lir-rikorrenti jew lin-negozju taghha.

*Art.29 tal-Kap. 248*

42. Illi r-rikorrenti tinvoka favur taghha ukoll l-Art. 29 tal-Kap. 248 li jipprovdi li "*kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-att, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx taghmel hsara lil xi negozju jew proprjeta' ohra, jehel......*" Kwindi ghal fini ta' din il-kawza jrid jirrizulta li l-intimati **kienu jafu** li d-dikjarazzjonijiet li

[25] Fol. 98 in riezami
[26] Fol. 99 in ri ezami

kienu qeghdin jaghmlu kienu **foloz** u li **x'aktarx kienu ser jaghmlu hsara lin-negozju** tar-rikorrenti. Huma dawn iz-zewg elementi li jridu jissussistu sabiex it-talba tar-rikorrent tirnexxi. Irrizulta pero' illi d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-Ghaqda tal-Konsumaturi fl-artikolu lamentat ma' kienux foloz, anzi kienu sostanzjalment korretti u ghalhekk it-talba taht dan l-artikolu ma' tistax tintlaqa.

**Decide**

43. Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddisponi minn din il-kawza billi:

**(a) Tichad l-ewwel u l-hames eccezzjoni;**

**(b) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni;**

**(c) Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet u tichad it-talba tal-kumpanija rikorrenti billi ma' jirrizultax illi l-artikolu lamentat huwa libelluz, ingurjuz u intiz biex ihammeg ir-reputazzjoni kummercjali taghha**

**(d) Fir-rigward ta' spejjez, il-Qorti tiddeciedi li:**

i. **l-ispejjez relatati mal-ittra legali tal-10 ta' Awwissu 2017 ghandhom ibatuhom ir-rikorrenti;**
ii. **l-ispejjez gudizzjarji relatati mal-kawza ghandhom jigu ssopportjati kif gej: 80% mir-rikorrenti u 20% mill-intimati.**

**Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**